# Sfidi ta’ Żminijietna fit-Talb

Awwissu 2023

Merħba! Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta’ rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu **biex il-Jum Dinji taż-Żgħażagħ f’Lisbona jgħin liż-żgħażagħ ikunu xhieda tal-Vanġelu fil-ħajja tagħhom.**

**Ninġabar:**
Għal ftit tal-ħin nisma’ l-ħoss ta’ qalbi tħabbat u nirringrazzja ’l-Mulej għal dan ir-rigal meraviljuż tal-ħajja.

**Fatt ċkejken:**



Fl-2013, Anthony, ġuvni Malti, kien fl-Arġentina għal kors ta’ formazzjoni professjonali. Missieru li kien Malta ddeċieda li jagħtih rigal mhux tas-soltu għall-jum għeluq sninu: vaganza f’Rio de Janiero, biex ikun jista’ jieħu sehem fil-Jum Dinji taż-Żgħażagħ ta’ dik is-sena. Kollox kien imħallas, kemm il-vjaġġ u kemm fejn joqgħod. Lil Anthony għaddielu wkoll l-isem tal-koordinatur tal-grupp Malti u l-kuntatt tiegħu biex ikun jista’ jiltaqa’ ma’ żgħażagħ Maltin oħra. Anthony kien iħobbha l-avventura u ħa gost b’din l-opportunità mhix mistennija fejn seta’ jesplora postijiet ġodda u jiltaqa’ ma’ żgħażagħ li ma jafx. Ma kellux idea x’kien ħejja għalih Alla!
Il-programm tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ jinkludi ftit katekeżi, talb personali u ċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa. Ħaġa tal-għaġeb, Anthony sab ruħu jiggosta l-ħin tat-talb – esperjenza kompletament ġdida għalih! L-Ewkaristija kienet mument ta’ ferħ li qatt ma kien ħassu qabel. F’qalbu bdiet tinbet il-ħlewwa tal-ħajja spiritwali.
Imbagħad wasal il-ħin tal-laqgħa mal-Papa Franġisku f’Copacabana. Diversi żgħażagħ taw xhieda tal-konverżjoni tagħhom. Xi wħud minnhom kienu kriminali li bidlu r-rotta li kienu qabdu biex issa għandhom lil Kristu fiċ-ċentru ta’ ħajjithom. Tul dan il-ħin, Anthony beda jħossu mtaqqal bil-ħsieb li ma jixraqlux ikun ma’ dawn in-nies u li postu mhux hemm minħabba l-ħajja laxka li kien qed jgħix. Wara tkellem il-Papa u f’ħin minnhom qal: “Ħallu l-Kelma ta’ Alla tinżel fuq art tajba!”. Dak il-ħin għajnejn Anthony imtlew bid-dmugħ; ħass bħal fejqan fl-emozzjonijiet tiegħu u ħelsien ġdid fil-mod ta’ kif irid ifassal ħajtu. Bil-mod il-mod reġa’ lura lejn Alla u skopra s-sbuħija li hemm fil-Knisja. Il-Jum Dinji taż-Żgħażagħ bidillu ħajtu.

**Naħseb ftit:**
Hemm xi żmien f’ħajti meta kelli esperjenza ħajja ta’ Alla? X’kellha mhux tas-soltu dik l-esperjenza? Għadni nżommha dik id-deċiżjoni li nafda f’Alla? Qed naqra kuljum il-Kelma ta’ Alla u nħalliha taqa’ f’art tajba?

**Nitlob:**
Ilqa’, nitolbuk Mulej, lil dawk kollha li ser jieħdu sehem fil-Jum Dinji taż-Żgħażagħ u agħmel li tqajjem fihom esperjenza ġdida tiegħek.

**Kliem ta’ dawl:**
Ftakar li qatt ma int waħdek. Ġesù dejjem miegħek fil-vjaġġ ta’ ħajtek. Imxi miegħu li hu t-triq, il-verità u l-ħajja. *San Papa Ġwanni Pawlu II*

**X’nista’ nagħmel:**
Nieħu sehem ta’ kuljum fil-Quddiesa u nsib ħin fil-kwiet biex naqra l-Bibbja.